

32002R1185

L 173/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.7.2002

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1185/2002  
ta' l-1 ta' Lulju 2002**

**li jemenda l-lista ta' qrati kompetenti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal taż-żewġ miżżewġin**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal taż-żewġ miżżewġin<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- (1) Għandha tintbagħat applikazzjoni għad-dikjarazzjoni ta' l-esegwibbiltà ta' sentenza dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal taż-żewġ miżżewġin lill-qrati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1347/2000.
- (2) L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jip-provdi li Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-test li jemendaw il-lista ta' l-awtoritajiet kompetenti preskritti fl-Anness I.

- (3) L-Olanda nnotifikat lill-Kummissjoni b'emenda fil-lista tal-qrati provduta fl-Anness I. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 għandu jkun emendat kif imiss,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-ħdax-il inċiż ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1347/2000 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“— fl-Olanda, il-‘voorzieningenrechter van de rechtbank’.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 2002.

*Għall-Kummissjoni*

António VITORINO

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tat-30.6.2000, p. 19.